MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

**ONOR. IMHALLEF**
**RAYMOND C. PACE**

Seduta tad-29 ta' April, 2004

Citazzjoni Numru. 338/1997/1

**Anna Cassar f'isimha proprju u bhala kuratrici *ad litem* ta' bintha minuri Stephania Cassar**

**vs**

**Charles Cassar**

**Il-Qorti,**

## I. PRELIMINARI.

Rat ic-citazzjoni attrici datata 14 ta' Frar 1997 (a fol. 1 tal-process) fejn gie premess:-
Illi l-partijiet izzewgu f'Malta fil-wiehed u ghoxrin (21) ta' Gunju tas-sena elf, disa` mija u wiehed u disghin (1991) u miz-zwieg taghhom kellhom tifla unika, Stephania Cassar li ghandha hames (5) snin.

Illi l-hajja konjugali tal-kontendenti saret impossibbli minhabba adulterju, sevizzi, minacci, u ngurji gravi kommessi kontra l-attrici mill-konvenut li abbanduna d-dar konjugali fl-ewwel (1) ta' Jannar tas-sena elf, disa` mija u sitta u disghin (1996) minghajr ebda raguni gusta, u billi l-hajja matrimonjali tkissret b'mod irrevokabbli.

Illi ghal dawn ir-ragunijiet, l-attrici talbet u ottjeniet l-awtorizzazzjoni mehtiega mis-Sekond'Awla tal-Qorti Civili sabiex tipprocedi f'din l-istanza kontra zewgha ghas-separazzjoni personali u dan skond id-digriet moghti minn dik il-Qorti fit-tnax (12) ta' Settembru tas-sena 1996 (Digriet Numru 1124/96) (Dok. "A") kif ipprorogat b'digriet sussegwenti (Dok. "B").

Illi ghalhekk l-istess attrici talbet lil din l-Onorabbli Qorti sabiex:-

(1) Tippronunzja s-separazzjoni personali bejn il-konjugi Cassar minhabba adulterju, sevizzi, minacci u ngurji gravi kommessi kommessi kontra l-attrici mill-intimat li abbanduna d-dar konjugali fl-ewwel (1) ta' Jannar tas-sena elf, disa` mija u sitta u disghin (1996) minghajr ebda raguni gusta, u billi l-hajja matrimonjali tkissret b'mod irrevokabbli;

(2) Taffida l-kura u l-kustodja tal-minuri, Stephanie Cassar, lill-attrici salv kull provvediment li jidhrilha xieraq fl-ahjar interess tal-minuri;

(3) Tikkundanna lill-istess konvenut sabiex ihallasha retta alimentarja ghalija u ghall-minuri gusta u xierqa skond il-Ligi kif ukoll l-arretrati dovuti ta' manteniment mid-data tad-digriet tas-Sekond'Awla tal-Qorti Civili (Dok. "A");

(4) Tapplika kontra l-imsemmi konvenut l-effetti tad-dispozizzjonijiet ta' l-**artikoli 48, 50 u 51 tal-Kodici Civili (1984 ed.)** *in toto* jew *in parte*;

(5) Tiddikjara xjolta l-komunjoni ta' l-akkwisti ezistenti bejn il-partijiet u tordna li l-istess oggetti formanti parti mill-komunjoni ta' l-akkwisti jigu maqsuma f'zewg porzjonijiet

komposti kif jigi ordnat u stabbilit minn din il-Qorti *in vista, inter alia*, tad-dati ta' l-akkwist tad-diversi oggetti u krediti formanti l-istess komunjoni u d-data stabbilita min din il-Qorti bhala d-data meta l-istess konvenut ghandu jkun ikkonsiderat li minnu kien hatja tal-firda liema porzjonijiet illi jigu assenjati, wahda lill-attrici li ghandha tigi akkreditata bi hlasijiet u benefikati li tkun ghamlet a beneficcju tal-komunjoni u l-ohra lill-istess konvenut, *occorrendo* b'opera ta' perit nominand sabiex jillikwida l-istess komunjoni, u billi jigi nominat nutar sabiex jircievi l-att relattiv u kuratur sabiex jirrapprezenta lill-eventwali kontumacja fuq l-istess att.

(6) Tikkundanna lill-konvenut sabiex jikkonsenja lill-attrici l-beni parafernali u dotali taghha.

(7) Tawtorizza lill-attrici li tirregistra ossija tnizzel fir-Registru Pubbliku is-sentenza eventwalment moghtija minn din il-Qorti.

Bl-ispejjez – inkluzi dawk tas-seduti quddiem is-Sekond'Awla tal-Qorti Civili – kontra l-konvenut li hu minn issa stess ghas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni attrici a fol. 3 tal-process;

Rat il-lista tax-xhieda u dokumenti esebiti a fol. 4 tal-process;

Rat id-Dgriet tas-Sekond' Awla tal-Qorti Civili per l-Onerevoli Imhallef Joseph David Camilleri datat 12 ta' Settembru 1996 fejn il-kura u l-kustodja tal-minuri giet fdata f'idejn l-attrici u l-manteniment ghall-minuri gie ffissat fl-ammont ta' sittin Lira Maltija (Lm60) pagabbli kull xahar bil-quddiem, liema digret gie prorogat b'digriet iehor datat 17 ta' Frar 1997.

Rat ir-rikors ta' l-attrici datat 14 ta' Frar 1997 fejn talbet lill-Qorti sabiex tinnominaha bhala kuratrici *ad litem* sabiex tirrapprezenta lill-minuri, Stephania Cassar;

Rat id-digriet tas-17 ta' Frar 1997 fejn il-Qorti laqghet it-talba;

Rat li l-konvenut gie debitament notifikat bic-citazzjoni attrici fl-10 ta' Settembru 1998 izda ma pprezenta l-ebda nota ta' l-eccezzjonijiet u baqa' kontumaci.

Rat il-verbal tas-seduta quddiem din il-Qorti diversament presjeduta tad-9 ta' Frar 1999 fejn giet nominata Dr. Veronica Galea Debono bhala Assistent Gudizzjarju sabiex tigbor il-provi minkejja l-kontumacja tal-konvenut;

Rat in-nota ta' l-attrici datata 14 ta' Mejju 1999 fejn permezz taghha pprezentat xi dokumenti;

Rat il-verbali tas-seduti quddiem din il-Qorti diversament presjeduta tat-28 ta' Mejju 1999; u tad-29 ta' Ottubru 1999;

Rat in-nota ta' l-attrici datata 17 ta' Marzu 2000 fejn permezz taghha pprezentat l-affidavit taghha a fol. 24 tal-process;

Rat l-affidavit ta' l-attrici a fol. 24;

Rat il-verbali tas-seduti quddiem din il-Qorti diversament presjeduta tat-23 ta' Mejju 2000; ta' l-24 ta' Novembru 2000; u tat-13 ta' Gunju 2001; u tad-19 ta' Novembru 2001 fejn dehret l-Assistent Gudizzjarju li nfurmat lill-Qorti li l-provi ngabru;

Rat is-seduti mizmuma quddiem l-Assistent Gudizzjarju Dr. Veronica Galea Debono datati 22 ta' April 1999 fejn ma sar xejn; 7 ta' Mejju 1999 fejn xehed l-Ispettur Lawrence Cutajar, u Leonard Zerafa mill-*Housing Authority* u Thomas Sammut mill-*Employment & Training Corporation;* 22 ta' Gunju 1999 fejn ma sar xejn, 24 ta' Novembru 1999 fejn ma sar xejn, 28 ta' Jannar 2000 fejn ma sar xejn; 17 ta' Marzu 2000 fejn ma sar xejn; 19 ta' Lulju 2000 fejn ma sar xejn; 13 ta' Novembru 2000 fejn ma sar xejn; u 12 ta' Ottubru 2001 fejn xehdet l-attrici.

Rat l-avviz ta’ dn il-Qorti diversament presjeduta tal-10 ta’ April 2002 fejn din il-kawza giet differita quddiem din il-Qorti kif attwalment presjeduta.

Rat il-verbali tas-seduta tat-2 ta’ Ottubru 2002 fejn peress li ma deher hadd il-kawza giet differita *sine die*;

Rat ir-rikors ta’ l-attrici datat 4 ta’ Ottubru 2002 fejn talbet lill-Qorti sabiex tirriappunta l-kawza ghas-smigh;

Rat id-digriet tas-7 ta’ Ottubru 2002 fejn il-Qorti ordnat lill-attrici sabiex tindika b’nota xi provi ghad baqghalha tipproduci;

Rat in-nota ta’ l-attrici datata 21 ta’ Ottubru 2002 fejn iddikjarat li kienet diga` ghalqet il-provi taghha;

Rat id-digriet tad-29 ta’ Ottubru 2002 fejn il-Qorti laqghet it-talba u rriappuntat il-kawza ghall-finali trattazzjoni ghat-28 ta’ Novembru 2002;

Rat il-verbal tas-seduta tat-28 ta’ Novembru 2002 fejn dehret Dr. Lorraine Schembri Orland ghall-attrici u tat ruhha b’notifikata bl-avviz tas-smigh tal-kawza u talbet li n-notifika lill-konvenut issir *ai termini* ta’ l-**artikolu 187 (3) tal-Kap 12** f’gazzetta lokali wahda.

Rat il-verbal tas-seduta ta’ l-20 ta’ Frar 2003 fejn il-kawza giet differita sabiex isiru l-pubblikazzjonijiet.

Rat l-avviz tal-pubblikazzjoni fil-Gazzetta tal-Gvern u fejn saret l-affissjoni fis-27 ta’Jannar 2003.

Rat in-nota ta’ l-attrici datata 7 ta’ April 2003 fejn permezz taghha pprezentat estratt mill-pubblikazzjoni f’gazzetta lokali.

Rat il-verbali tas-seduti tad-9 ta’ April 2003 u tad-19 ta’ Gunju 2003 fejn il-Qorti tat il-fakolta` lill-konvenut sabiex jipprezenta nota ta’ l-osservazzjonijiet fit-terminu ta’ 20 gurnata bin-notifika lill-kontro-parti li jkollha ghoxrin (20)

gurnata biex tirrispondi u l-kawza giet differita ghas-sentenza ghad-29 ta' April 2004;

Rat id-dokumenti esebiti;

Rat l-atti kollha l-ohra tal-kawza.

## II. KONSIDERAZZJONIJIET.

Illi din hija kawza li ilha pendenti seba` (7) snin u dan ghar-raguni unika u cjoe' ghaliex l-attrici damet hafna, din il-Qorti tghid wisq, ma ressqet il-provi taghha minkejja diversi opportunitajiet lilha moghti specjalment mill-Qorti diversament presjeduta, izda jidher li l-attrici u d-Difensur taghha hadu z-zmien taghhom, minkejja li l-konvenut kien ukoll kontumaci.
Illi intant mill-provi prodotti u dan senjatament mill-affidavit ta' l-attrici datat 17 ta' Marzu 2000 jirrizulta li l-partijiet izzewgu peress li l-attrici inqabdet tqila qabel iz-zwieg, tant li l-attrici tghid li f'Marzu 1991 inqabdet tqila u f'Gunju 1991 zzewgu w marru joqghodu m' ommha. F'Novembru 1991 kellhom lit-tifla u wara bdiet tahdem. Wara dan issemmi sensiela ta' okkazzjonijiet fejn l-konvenut telaq mill-istess dar konjugali fosthom fl-1993, f'Novembru 1995 u fl-ahhar f'Jannar 1996.
Illi jirrizulta wkoll li ghall-ewwel kienu joqghodu mal-genituri ta' l-attrici izda mbaghad krew flat fil-Mosta u wara iffirmaw konvenju ghall-akkwist tal-post mill-Awtorita' tad-Djar konsistenti f'*maisonette,* numru 5, Triq il-Gvernatur William Reid, Dingli, u saru xi xogholijiet fl-istess post, li ghadu sa llum fuq konvenju u ma jidhirx li l-konvenut ghandu xi interess fih. Jirrizulta wkoll li l-konvenut kien spiss jixrob, kien ikun fis-sakra, u wkoll kemm ilha pendenti din il-kawza naqqas li jhallas manteniment ghall-minuri ghalkemm degretat mill-Qorti permezz ta' digriet tas-Sekond'Awla tal-Qorti Civili u minkejja li gie kkundannat minhabba tali inadempjenza mill-Qorti tal-Magistrati b'hames sentenzi datati 2 ta' Dicembru 1998 u sentenzi ohra ta' l-istess Qorti datati 12 ta' April 1998, 11 ta' Ottubru 1997 u 11 ta' Jannar 1998 skond il-fedina

penali tal-konvenut esebita bhala Dok. “LC 1” a fol. 61 sa 66 tal-process.
Illi ghalhekk abbazi tal-premess l-ewwel talba attrici ghandha tigi milqugha ghalkemm mhux dwar adulterju li ma giex ippruvat.
Illi t-tieni talba attrici ghandha tigi milqugha peress li l-istess tifla Stephania dejjem ghexet ma’ ommha.
Illi dwar manteniment jidher li l-attrici ghandha l-introjtu taghha peress li tahdem, ghalkemm ma giex specifikat l-introjtu taghha. Jekk tieqaf li tahdem ghandha dritt ta’ manteniment kontra zewgha; fil-kaz tal-minuri l-konvenut kien kundannat b’digriet tas-Sekond’Awla tal-Qorti Civili sabiex ihallas l-ammont ta’ sittin Lira Maltija (Lm60) fix-xahar ghall-minuri b’effett mit-12 ta’ Settembru 1996.
Illi dan ifisser li huma dovuti mit-12 ta’ Settembru 1996 sat-12 ta’ April 2004 l-ammont ta’ hames elef, erbgha mija u sittin Lira Maltija (Lm5,460) mill-konvenut bhala arretrati ta’ manteniment ghall-minuri (Lm60 x 12 = Lm720 x 7 snin u 7 xhur = Lm5,460). Dawn ghandhom jithallsu mill-konvenut, apparti li l-istess konvenut ghandu jibqa’ jhallas manteniment ghall-istess minuri fl-ammont ta’ sittin Lira Maltija (Lm60) fix-xahar liema ammont ghandu jitnaqqas direttament mill-paga tal-konvenut mill-*employer* tieghu li fis-7 ta’ Mejju 1999 kien ma’ *Aluminium Extensions* jew *Extrusions Limited* (Dok. “TS 1”).
Illi dwar komunjoni ta’ l-akkwisti jidher li din tikkonsisti fid-drittijiet fuq il-konvenju li hemm ma’ l-Awtorita’ tad-Djar datat 26 ta’ Lulju 1995 ghall-*maisonette,* numru 5, Triq il-Gvernatur, William Reid, Dingli, (Dok. “LZ 1”) u gnien biswiet l-istess *maisonette* tal-kejl ta’ *circa* 3.40 metri kwadri, u b’applikazzjoni ta’ l-**artikolu 48** kontra l-konvenut, u anke ghaliex jidher li l-istess konvenut ma ghandux interess fl-istess akkwist, din il-Qorti tassenja l-istess drittijiet fuq il-fond u gnien imsemmi esklussivament fuq l-attrici, b’dan li b’effett mid-data ta’ din is-sentenza l-istess konvenut ma jibqghalu u ma ghandu l-ebda dritt kwalunkwe fuq l-istess immobbli.
Illi mill-bqija dwar mobbli kull parti tibqa’ zzomm dawk l-oggetti li attwalment ghandha fil-pussess taghha inkluz kull depositu bankarju.

## <u>III. KONKLUZJONI.</u>

Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, **taqta' u tiddeciedi,** billi fil-kontumacja tal-konvenut, **tilqa' t-talbiet attrici** biss fis-sens hawn deciz b'dan illi:-

(1)Tippronunzja s-separazzjoni personali bejn il-konjugi Cassar minhabba sevizzi, minacci u ngurji gravi kommessi kontra l-attrici mill-konvenut li abbanduna d-dar konjugali fl-ewwel (1) ta' Jannar tas-sena elf, disa` mija u sitta u disghin (1996) minghajr ebda raguni gusta, u billi l-hajja matrimonjali tkissret b'mod irrevokabbli u dan minhabba ragunijiet imputabbli esklussivament lill-konvenut.

(2)Taffida l-kura u l-kustodja tal-minuri, Stephanie Cassar, lill-attrici;

(3) Tikkundanna lill-istess konvenut sabiex ihallasha retta alimentarja ghall-minuri, Stephania, fl-ammont ta' sittin Lira Maltija (Lm60) fix-xahar, pagabbli kull xahar bil-quddiem fir-residenza ta' l-attrici, u dan b'effett mit-13 ta' April 2004, u il-Qorti tordna li tali rata ta' manteniment ghall-minuri ghandha tinqata' direttament mill-paga jew salarju tal-konvenut mill-*employer* tieghu u ghal dan l-iskop din il-Qorti tordna li kopja ta' din is-sentenza tigi notifikata a spejjez attrici lill-istess *employer* tal-konvenut.

Illi tordna lill-konvenut ihallas lill-attrici ghan-nom u bhala rappresentata legali ta' l-istess minuri Stephania Cassar l-ammont ta' hamest elef, erba` mija u sittin Lira Maltija (Lm5,460) rapprezentanti arretrati ta' manteniment ghall-istess minuri li l-konvenut naqas li jhallas mit-12 ta' Settembru 1996 sat-12 ta' April 2004 u dan konsegwenti ghal digriet tas-Sekond' Awla tal-Qorti Civili datat 12 ta' Settembru 1996.

Illi dwar manteniment ghall-attrici jidher li l-attrici ghandha l-introjtu taghha, izda il-Qorti tafferma d-dritt ta' l-attrici ghall-manteniment minghand il-konvenut fil-kaz li l-attrici ma tibqax tahdem u skond il-ligi, pero' f'dan l-istadju tastjeni milli tiehu konjizzjoni tat-talba attrici;

(4) Tapplika kontra l-imsemmi konvenut l-effetti tad-dispozizzjonijiet ta' l-**artikoli 48, 50 u 51 tal-Kodici Civili** *in toto.*

(5) Tiddikjara xjolta l-komunjoni ta' l-akkwisti esiztenti bejn il-partijiet u dan b'effett mill-1 ta' Jannar 1996.

Illi dwar likwidazzjoni u divizzjoni tal-komunjoni ta' l-akkwisti minhabba dak premess u b'applikazjoni ta' l-**artikolu 48 tal-Kap 16,** tassenja lill-attrici d-drittijiet kollha fuq il-konvenju li hemm ma' l-Awtorita' tad-Djar datat 26 ta' Lulju 1995 ghall-*maisonette,* numru 5, Triq il-Gvernatur William Reid, Dingli, (Dok. "LZ 1") u gnien biswit l-istess *maisonette* tal-kejl ta' *circa* 3.40 metri kwadri, inkluz kull dritt kwalunkwe fuq l-istess immobbli, u wkoll tassenja lil kull parti l-mobbli li kull parti ghandha attwalment fil-pussess taghha.

Illi l-attrici qed tigi assenjata d-depozitu bankarju imsemmi minnha fix-xhieda taghha ghaliex dan jidher li huwa parafernali taghha, filwaqt li kull parti ghandha izzomm bhala taghha kull depozitu bankarju li jinsab attwalment f'isimha.

Tinnomina lin-Nutar Dr. Mario Bugeja sabiex jircievi l-att relattiv u Dr. Lydia Zerafa bhala kuratur sabiex tirrapprezenta lill-eventwali kontumacja fuq l-istess att.

(6) Tichad din it-talba *stante* nuqqas ta' provi dwar l-istess.

(7) Tawtorizza lill-attrici li tirregistra ossija tnizzel fir-Registru Pubbliku is-sentenza moghtija minn din il-Qorti.

Bl-ispejjez – inkluzi dawk tas-seduti quddiem is-Sekond'Awla tal-Qorti Civili – kontra l-konvenut.

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------